**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U TLETIN**

**18 ta' Marzu, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera s-Sur Vincent Marmara u s-Sinjura Rita Bellizzi u Dr Claudio Zammit infurmaw li ma jistgħux jattendu (minħabba safar u impenji u xogħol rispettivament )għas-seduta tal-lum. **Dok 1. u 2 u 3** mehmuża.

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' ma attendiex.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**36.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

36.1.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fir-rigward ta' punt 35.11.5 ħarġet skema ta' finanzjarjament għall-siġar u l-Kunsill għandu jkun minn ta' quddiem li japplika. Kien hemm qbil fuq dan.

36.1.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li wara li l-Kunsill ħa risposta mir-Reġjun Nofsinhar li t-tabella tal-un/loading f'Misraħ Repubblika tkun permessa għal 5 minuti biss, jitlob biex il-kunsill jivverifika ma' Transport Malta għaliex hu ma jemminx li hemm xi klawżola fil-liġi li tobliga li jkun hemm ħin daqshekk qasir.

Il-Kunsilliera Pierre Farrugia u Kevin Sam Farrugia qablu mal-Kunsillier Joseph D'Amato li l-Kunsill ordni fil-pjazza jrid u mhux isawwat lin-nies.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob li l-ħin jiżdied għal 10 minuti.

36.1.3 Il-minuti ta' seduta 35 ġew approvati.

***36.2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra u tas-Sotto Kumitat Anzjani***

36.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 10 li inżammet fis-16 ta' Marzu , 2015, u l-minuti tal-laqgħa annwali li saret fl-istess jum ġew approvati.

36.2.2 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat tal-Anzjani.

**36.3** ***Approvazzjoni tal-Minuti Gal Xlokk /Reġjun Nofsinhar***

36.3.1 Il-minuti ma waslux.

***36.4 Komunikazzjoni mis-Sindku***

36.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet petizzjoni minn residenti ta' Triq Santu Formosa biex issir 'one way traffic' direzzjoni – dħul minn Triq Stiefnu Zerafa għal Vjal il-Blue Grotto.
Il-petizzjoni ġiet iffirmata mir-residenti kollha minbarra minn resident wieħed biss.

Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq talba li għamel Rev. Carmelo Busuttil fuq ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu minn ħofor fi Triq tal-Ħlantun u Triq Ħal Far. It-talba tressqet flimkien ma:

- ritratti ta' ħofor (imma ma jindikawx it-triq liema hi)
- rapport tal-pulizija li sar minn Antonia Busuttil li tgħid ' Antonia Busuttil detentrici tal-karta tal-identita numru, rrapurtat illum 11/12/2014 għall-ħabta ta 09:40hrs li hija kienet ġarbet xi ħsarat fil-vettura tagħha reg. EAV562 tal-għamla Seat Toledo.
- Ittra li Transport Malta bagħtet lill-Antonia Busuttil fir-rigward fejn talbet lir-residenta biex tipprodi fost l-oħrajn – photos of pothole, obstacle, etc. Showing clearly exact location and a landmark of the place
- Irevuta tax-xogħol li sar ta' 473.52Euro

Kien hemm qbil unanimu li minħabba li ma kienx hemm ir-reikwiżiti neessarji mat-talba li saret u minħabba li l-każ ġara f'Ottubru tas-sena l-oħra, il-Kunsill ma setgħax jikkunsidra il-każ.

36.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li l-iskrivana Charmaine Atanasio għamlet lill-Kunsill fuq tiġdied ta' tlett snin reduced hours li jibdew minn April 2015.

Unanimament kien hemm qbil għal tiġdid ta' sena u tali talba tibqa titressaq kull sena għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

36.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra mill-Guy Bocci Klabb fejn talbu lill-Kunsill jinfurmhom jekk f'Jum iż-Żurrieq hiex ser issir il-kompetizzjoni tal-boċċi.

Kien hemm qbil li f'Jum iż-Żurrieq ta' din is-sena ssir il-kompetizzjoni tal-boċċi u li l-Guy Boċċi Klabb għandu jkun avżat.

36.4.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li familja offriet b'donazzjoni stair lift għal Dar Mattia Preti. Hu ssuġġerixxa li lil din il-familja l-Kunsill jirringrazzjha billi jagħtiha apprezzament f'waħda mill-attivitajiet tal-Kunsill. Dan l-istair lift għandu valur ta' 8,000Euro.

36.4.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fil-kamra ta' fejn il-venda tal-karozzi tal-linja miexi sew u fi ftit jiem oħra jitwaħħlu l-bankijiet.

36.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa il-Kunsill mhux protett b'alarm u hi ġabet stima mingħand diversi kumpaniji imma ħadd ma kien jagħti servizz kif jagħtu il-G4S ta' – wireless system buzzers u testing and commission tas-sistema. Din l-istima hi ta' 1,088.78Euro.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jordna dan is-servizz mill-aktar fiss possibli.

***36.5*** ***Aġġudikazzjoni ta' Tenders u Kwotazzjoni :***
***RM67/01/15 – Maintenance of Traffic Signs and Road Markings***
***GS67/02/15 – Hortocultural Works at Public Gardens and Maintenance of Soft Areas***
***MA67/03/15 – Maintenance Works on Pavements, Retaining Walls & Culvert Works for the Zurrieq Local Council***
***RC67/04/15 – Street Sweeping & Cleaning Services***
***ML67/05/15 – Maintenance of Public Gardens Lighting Systems & Ancillery Services***
***Quote IA67/01/15 – Services for an Internal Auditor***

36.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għat-tender ***RM67/01/15 – Maintenance of Traffic Signs and Road Markings***

Kien hemm offerent wieħed - Koperattiva tabelli u sinjali tat-Traffiku.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti x-xogħol lill-kumpanija li tefgħet l-offerta tagħha.

36.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għat-tender ***GS67/02/15 – Hortocultural Works at Public Gardens and Maintenance of Soft Areas***
Kien hemm 4 offerenti:
WM Environmental Ltd – Euro 15,040
AES Emanuel Agius – Euro 18,900
Environmental Landscaping Cons. – Euro 18,500
Waste Collection Ltd – Euro 11,420

Kien hemm qbil li ix-xogħol jieħdu l-orħos offerent - Waste Collection Ltd – Euro 11,420
ġaladarba kien hemm kollox regolat fit-tender.

36.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-tender ***MA67/03/15 – Maintenance Works on Pavements, Retaining Walls & Culvert Works for the Zurrieq Local Council***
U infurmat li kien hemm żeġ offerenti li huma Silvar Construction Serv. Ltd u Elle's Urban Services.
Id-dokumenti tat-tender ġew evalwati mill-Perit tal-Kunsill u l-kunsill mexa fuq ir-rapport tiegħu.
Ix-xogħol ingħata lill- Elle's Urban Services.

36.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-tender ***RC67/04/15 – Street Sweeping & Cleaning Services***
Għal din it-tender kien hemm erbgħa offerenti:
Waste Collection Ltd – Euro 29,173
Gaetano Galea – Euro 25,590
Alexander Fenech – Euro 27,930
Jonathan Mangion – Euro 24,541

Il-Kunsill qabel li x-xogħol jieħdu l-orħos offerent Jonathan Mangion – Euro 24,541

36.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-tender ***ML67/05/15 – Maintenance of Public Gardens Lighting Systems & Ancillery Services***
Għal din it-tender kien hemm offerent wieħed biss JF Mallia.

Il-Kunsill qabel li jagħti s-servizz lil JF Mallia.

F'dan il-ħin daħal għas-seduta il-Kunsillier David Abdilla ( 19:15)

36.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kwotazzjonijiet ta' ***Quote IA67/01/15 – Services for an Internal Auditor***
***RSM Malta – Euro 3,304***
***3A Malta – Euro 4,740***
***Parker Randall Int – Euro 3,150***
***FST Consulting LTD – Euro 3,150***
***D Consulta – Euro 1,980***
***KPMG – Euro 5,310***
***PKF – Euro 5,497.33***
***P&D Consultancy Service – Euro 2,940***
***Grant Thornton – Euro 4,650***

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li waqt li staqsiet kunsilli lokali fuq is-servizz li jagħtu D Consulta u minn informazzjoni li ġabret mis-sit ta' lcgov.mt fejn jagħmlu servizz lill-Kunsilli tal-Mosta u Ħal Safi fejn fiż-żewġ rapporti tal-Awdituri kien hemm il-kliem ' These financial statements do not comply fully with the Local Councils Act Cap 363.'

Kien hemm qbil unanimu li s-servizz jingħata mill-kumpanija P&D Consultancy Service għall-prezz ta' 2,940Euro.

36.5.7 Dokumenti tax-schedule of Tenders jinsabu mehmuża **Dok 4.**
F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Dino Bonnici. (19:30)

***36.6 Wardens***

36.6.1 Is-Sindku qal li l-wardens fiż-Żurrieq, vendikazzjonijiet qed jagħmlu u mhux jgħallmu lir-residenti. Hu qal li saħansitra bil-lejl hawn min qed jingħata itazzjoni. Is-Sindku qal li waqt ir-riforma, hu kien tkellem li n-nies għandhom jiġu edukati u mhux imsawta.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jitlob lir-Reġjun Nofsinhar biex il-Kunsill jingħata l-anqas ħin possibbli fejn jirrigwardja servizz tal-wardens.

### *36.7 Ftuħ ta' Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq*

36.7.1 Is-Sindku qal li Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq jinsab fil-fażi li jkun lest u stieden lill-Kunsilliera biex jinawgurawh nhar is-Sibt 28 ta' Marzu, 2015 fil-11 ta' filgħodu.

### *36.8 Garage – Nigret*

36.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq il-kuntratt tal-garage tan-Nigret li għandu il-kuntratt jiskadi f'Ottubru. Kien hemm qbil li jiġġedded il-kuntratt b'sentejn oħra bl-istess kundizzjonijiet.

### **36.9** *Mili ta' Vakanza ta' skrivan/a fuq skala 15*

36.9.1 Il-Kunsill iriċeva 38 applikazzjoni għall-post vakant fejn ġew shortlisted 14 'l applikant u intalbu biex jieġu għall-interview. Fil-bord tal-l-interviews kien hemm preżenti – s-Sindku Ignatius Farrugia u l-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Joseph D'Amato u David Abdilla u s-Segretarju Eżekuttiv. **Dok 5 mehmuż.** Minn dawn attendew biss 9 u dawn reġgħu ġew shortlisted għal-tnejn li huma s-Sinjuri Omar Farrugia u Neil Borg li ntalbu jattendu fl-uffiċċju tal-Kunsill għat-tieni interview.

Kien hemm qbil li Omar Farrugia jkun l-impjegat il-ġdid minħabba li hu wera l-aktar interess li jitgħallem ix-xogħol u minħabba li Neil Borg hu gradwat u wisq probabbli jekk isib xogħol f'dak li gradwa, jitlaq.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-impjegat il-ġdid jista jibda mill-1 ta' April, 2015.

### *36.10 Proġetti Kapitali*

36.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ħa s-somma ta' 80,000Euro għall-proġett ta' Triq Gervaze Mattew. Hu ġie nfurmat li l-Kunsill ser jieħu 80,000Euro oħra fis-sena 2016 u fis-sena 2017.

Is-Sindku qal li fil-laqgħa li kellu mal-bord ta' Evalwazzjoni, fejn kien hemm preżenti ukoll il-Kunsillier Joseph D'Amato wrew il-proġett li hu fi ħsiebu li jgħamel il-Kunsill u l-pass li jmiss hu li tintalab id-devoluzzjoni tal-art mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dan kien l-akbar proġett li ħa fondi għalih u dan ifisser li l-bord evalwa kemm hu proġett vijabbli u sostenibbli.

### *36.11 Financial Statements*

36.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Awdituri għadhom ma lestewx l-Audited financial Statements u għalhekk dawn ser jiġu mressqa f'seduta li jmiss.

Hi nfurmat lill-Kunsill li talbet l-approvazzjoni tad-Dipartiment biex l-aħħar seduta tal-leġislatura tkun li jiġu approvati l-istatements imsemmija u l-approvazzjoni tal-minuti, imma sal-ħin li inbdiet din is-seduta ma' kellix direzzjoni.

### *36.12 Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*

36.12.1 Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li :

- hemm bżonn li jsir patchin f'kanal fi Triq Salvu Psaila. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet diġa għamlet l-ordni tax-xogħol u li kienet ser terġa twissi lill-kuntrattur.
- Hemm tliet boroż ta' terrapien mitluqa fi Triq Matteolo Saliba. Is-Segretarju infurmat li ser titlob biex jitneħħew.

36.12.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li meta fl-aħħar seduta semma li t-trasport li juża l-Kunsill għandu jkun regolarizzat b'tender, kien qed jagħmel dan b'intenzjoni li tgawdi s-soċjeta kollha, madanakollu l-kuntrattur li qed jagħti s-servizz tiegħu bħalissa ġie infurmat ħażin mill-istess membri tal-Kunsill. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ta' dan iħossu iddispjaċut ħafna.

36.12.3 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li saret reserved parking oħra fi Triq in-Nigret k/m Triq il-Wardija li żgur m'għandiex il-permessi ta' Transport Malta. Is-Sindku wieġeb li din saret minħabba d-dewmien li tieħu TM biex tapprova tali reserve. Hu żied jgħid li dan hu każ ġenwin bħal ma hu l-każ tal-persuna ta' Triq Wied Babu. Is-Sindku qal li hu stess mar Transport Malta biex iħeġġeġ li tali parkeġġ jingħata l-permess qabel ikun tard wisq.

Il-Kunsillier Dino Bonnici fehem l-intenzjoni tas-Sindku imma wera li l-pużizzjoni tiegħu tibqa li l-Kunsill m'għandux jagħmel xogħol bla permess. Hu żied jgħid li jaf b'każijiet ġenwini oħra, li meta avviċinaw lilu qalilhom x'għandhom jagħmlu biex isir kollox skond il-liġi.

36.12.4 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu l-ideja ta' Ħaż-Żebbug u jagħmel tifkiriet ta' personaġġi Żrieraq li għamlu unur lir-raħal. Fil-każ ta' Ħaż-Żebbug saru fi Triq li tagħti minn Ħaż-Żebbug għar-Rabat.

Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li barra minn Malta ra bankijiet sponsorjati minn familji biex jagħmlu tifkira tal-qraba tagħhom u din tkun ideja tajba li

l-Kunsill jagħmel bħalha.

36.12.5 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li ssir żabra lis-siġar ta' Triq Wied Babu. Kien hemm qbil fuq dan.

36.12.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-mini busses li jġorru t-tfal tal-iskola jistgħux jipparkjaw fil-parkeġġ li hemm quddiem l-iskola. Kien hemm qbil li sakemm ma jkunx hemm il-privates il-kbar tat-trasport tat-tfal tal-istess skola, dawn jistgħu jipparkjaw ukoll.

36.12.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li persuna ġibditlu l-attenzjoni fuq l-istatwa ta' San Mikiel li tinsab fi Triq San Bert, għandha bżonn ta' manutenzjoni.
Kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna tad-dipartiment ikkonċernat fuq dan ir-rigward

36.12.8 Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-Kunsill iġib stima ta' manutenzjoni tal-gallarija tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

**36.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

36.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta' **€62,966.59.**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fl-iskeda ta' pagamenti m'hemmx imniżżel il-pagament li jmiss tat-toroq li saru fuq l-iskema tal-PPP. Kien hemm qbil li dan isir mal-pagamenti ta' dan ix-xahar.

.
Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Joseph D'Amato.

**36.13 Data tas-seduta li jmiss.**

36.13.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 1 ta' April, 2015, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' April, 2015

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**